# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **814/2021 (AD)**

## YORGEN FENECH

**VS**

## AVUKAT TAL-ISTAT
## IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, erbgħa (4) t'Ottubru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Dan hija sentenza dwar ilment tar-rikorrent illi sofra leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, peress illi: (a) il-Pulizija naqset milli tagħtih *disclosure* tal-materjal u l-provi kollha skond l-obbligi u d-doveri tagħha ai termini tal-Artikolu 356 u 534AF tal-Kodiċi Kriminali u Direttiva 2012/13/UE, u (b) illi l-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lil persuni effettwati biex jikkontestaw ir-rifjut tal-Awtoritajiet kompetenti li jipprovdu *disclosure* tal-

informazzjoni f'konformita' mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE u l-Artikolu 356 u 534AF stess tal-Kodiċi Kriminali;

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat għoxrin (20) ta' Diċembru 2021, ir-rikorrent **Yorgen Fenech** ippremetta:

   a. *Illi nhar id-19 ta' Novembru 2019 l-esponent ġie arrestat b'rabta mal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Kważi għaxart ijiem wara, nhar it-30 ta' Novembru 2019, huwa tressaq il-Qorti imputat b'inter alia kompliċita' f'omiċidju volontarju fejn sussegwentement nbdiet il-kumpilazzjoni ta' evidenza kontra tiegħu. Riċentement, inħareġ l-Att tal-Akkuża 17/2021 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Yorgen Fenech;*

   b. *Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat li matul il-kors tal-proċeduri kriminali, l-esponent għamel diversi talbiet sabiex jottjeni disclosure fit-termini tad-Direttiva 2012/13/UE, l-Artikolu 356(2) u 534AF tal-Kodiċi Kriminali. L-esponent talab għal disclosure waqt l-interrogatorju tiegħu, reġa' talab nhar il-10 ta' Ġunju 2020, nhar it-12 ta' Ġunju 2020, il-21 ta' Ottubru 2020, it-2 ta' Jannar 2021, l-20 ta' Jannar 2021, il-25 ta' Jannar 2021, is-26 ta' Lulju 2021, it-23 ta' Awwissu 2021, u nhar it-8 ta' Novembru 2021. Adirittura, f'digriet datat nhar il-24 ta' Diċembru 2020, kienet il-Qorti tal-Maġistrati stess li qalet obiter:*

   *"il-Qorti tagħmilha ċar li* ***jekk il-Pulizija għandha f'idejha evidenza miksuba mill-investigazzjonijiet dwar id-delitt, konsistenti l-informazzjoni bħal dik li indika l-imputat fir-rikors tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2020 u li hija materjali għall-istruwizzjoni tad-difiża tiegħu, hija obbligata li tagħtih aċċess għalih tempestivament****, sabiex ikun f'posizzjoni li jeżerċita d-difiża tiegħu b'mod effettiv, bħalma hija obbligata wkoll il-Pulizija "li tiżvela lid-difiża dawk il-provi li jistgħu*

*jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata u li l-Pulizija, għal liema raġuni tkun, jista' ma jkollhiex il-ħsieb li ġġibu quddiem il-qorti bħala provi tal-prosekuzzjoni." (emfasi miżjuda)*

*Tidderieġi lid-difiża tal-imputat (u lill-Prosekuzzjoni kwantu għad-dmirijiet tagħha skont l-Art 534AF u 356 tal-Kap 9) sabiex jimxu skont id-direttivi mogħtija f'dan il-provvediment."*

c. *Illi minkejja dan kollu u minkejja d-doveri tal-Awtoritajiet Kompetenti, fosthom il-Pulizija Eżekuttiva, skond id-Direttiva 2012/13/UE, l-Artikolu 356(2) u 534AF tal-Kodiċi Kriminali, sal-ġurnata ta' llum l-esponent għadu ma ngħatax aċċess għall-materjal u l-provi kollha fi ħdan l-Awtoritajiet Kompetenti li għandhom x'jaqsmu mal-każ;*

d. *Illi peress illi f'Malta hija l-Pulizija li tmexxi l-investigazzjonijiet, huwa preżunt li l-Pulizija qiegħda fl-aqwa posizzjoni li tkun taf eżattament xi materjal u provi rriżultaw mill-investigazzjoni. Huwa għalhekk li l-Ilġi tpoġġi dan id-dover fuq il-Pulziija. L-esponent bl-ebda mod ma jista jkun jaf x'materjal għandha fil-pussess tagħha l-Pulizija. Iżda minkejja dan l-iżvantaġġ huwa xorta talab għal disclosure kemm b'mod ġenerali u anke b'mod speċifiku. Illi ż-żmien wera kif il-Pulizija għandha f'idejha materjal li jista' jiffavorixxi lill-esponent iżda akkost ta' kollox il-Pulizija ma tridx tagħtih aċċess għalih. Dak li għoġobha tiżvela l-Pulizija kien limitat u magħżul mill-Uffiċjal Prosekutur li, bid-dovut rispett, id-difiża u l-akkużat m'għandhom qatt jiddependu fuq dak li l-Uffiċjali tal-Pulizija jagħżlu u jogħġobhom jagħżlu ai fini ta' disclosure;*

e. *Illi l-esponenti jirrileva illi r-rifjut u adirittura r-riluttanza manifesta tal-Pulizija li tagħti aċċess lill-esponent tal-materjal kollu fil-pussess tagħha wassal u għadu jwassal għal actual prejudice u sal-estrem li l-esponenti ma jistax jipprepara d-difiża tiegħu. Bir-rispett kollu, l-aċċess għal provi f'idejn il-Prosekuzzjoni għandu jingħata qabel ma jibda l-ġuri u appuntu sabiex kif jiddisponi l-Artikolu 534AF(2) "... **tiġi***

***salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża [tiegħu].****”*

f. *Illi fit-tieni lok, f'dan l-istadju ssir referenza għad-Direttiva 2012/13/UE fejn l-Artikolu 8 tal-istess jipprovdi:*

*'1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tingħata informazzjoni lis-suspettati jew lill-persuni akkużati f'konformita' mal-Artikoli 3 sa 6 dan jiġi rreġistrat, bl-użu tal-proċedura ta' reġistrazzjoni speċifikata fil-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.*

*2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jew l-avukat tagħhom* ***ikollhom id-dritt ta' kontestazzjoni, f'konformita' mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, rigward in-nuqqas jew iċ-ċaħda possibbli tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni f'konformita' ma' din id-Direttiva.'***

g. *Illi l-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali la jipprovdi għal mod kif għandu jiġi reġistrat il-proċess tal-għoti tad-disclosure u lanqas ma jagħti ebda setgħa lill-bniedem effettwat biex jikkontesta ir-rifjut tal-Awtoritajiet Kompetenti li jipprovdu disclosure tal-informazzjoni f'konformita' mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE u l-Artikolu 356 u 534AF stess tal-Kodiċi Kriminali. Dan in-nuqqas ta' rimedju ordinarju neċessarjament ifisser li bniedem suspettat jew akkużat ma jista' jagħmel xejn biex jikkontesta r-rifjut tal-Awtoritajiet Kompetenti li jagħtuh aċċess għall-materjal li għandu x'jaqsam mal-każ. Huwa fl-interess ta' proċess ġust li jirrispetta l-prinċipju ta' smigħ xieraq u equality of arms li f'proċedura avversarja l-esponent ikollu mezz kif jikkontesta tali rifjut fis-sens li Qorti tivverifika x'materjal għandha fi ħdana l-Awtorita' Kompetenti, tissendika r-raġunijiet li abbażi tagħhom sar ir-rifjut u fin-nuqqas ta' raġunijiet validi fil-Liġi tordna disclosure;*

h. *Illi l-esponent għaldaqstant jemmen illi qiegħed isofri minn leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-*

*Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara illi l-esponent sofra leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-Pulizija naqset minn li tagħtih disclosure tal-materjal u l-provi kollha skond l-obbligi u d-doveri tagħha ai termini tal-Artikolu 356 u 534AF tal-Kodiċi Kriminali u d-Direttiva 2012/13/UE;*

   ii. *Tordna lill-Awtoritajiet Kompetenti, inkluż il-Pulizija Eżekuttiva li tforni lill-esponent u d-difensuri tiegħu b'lista kompluta tal-materjal u l-provi kollha miksuba mill-investigazzjonijiet u li għandhom x'jaqsmu mal-każ kontra tiegħu (inkluż materjal li allegatament ma għadux fil-pussess tal-Pulziija), u li jagħtu aċċess lill-esponent u d-difensuri tiegħu għal dan il-materjal u provi neċessarji sabiex jipprepara għad-difiża tiegħu;*

   iii. *Tordna li fl-eventwalita' li wara li jiġi mogħti aċċess għal dan il-materjal, l-esponent jeħtieġ jinkludieh bħala parti mill-provi tiegħu fil-ġuri, jiġi awtoriazzat jinkludi dawn il-provi fil-lista tax-xhieda u dokumenti gia preżentata ai termini tal-Artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali;*

   iv. *Tiddikjara illi l-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni effettwati biex jikkontestaw ir-rifjut tal-Awtoritajiet Kompetenti li jipprovdu disclosure tal-informazzjoni f'konformita' mad-disosizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE u l-Artikolu 356 u 534AF stess tal-Kodiċi Kriminali;*

v. *Tiddikjara li konsegwentement l-esponent sofra leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' MaLta, u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

vi. *Tieħu dawk il-provvedimenti u takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-esponent.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

4. B'digriet mogħti nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2021, din il-Qorti, wara li rat ir-rikors kostituzzjonali odjern, ordnat in-notifika lill-intimati, li kellhom għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika sabiex jintavolaw risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ nhar il-Ħamis, għoxrin (20) ta' Jannar 2022;

5. Permezz ta' risposta konġuntiva datata tlettax (13) ta' Jannar 2022, l-**Avukat tal-Istat** u l-**Kummissarju tal-Pulizija** eċċepew:

   a. *Illi in suċċint, ir-rikorrent Yorgen Fenech huwa akkużat b'kompliċita' fl-omiċidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia u b'assoċjazzjoni ma' persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta, u **qiegħed jallega illi "sofra leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq hekk kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta**". Huwa jsejjes l-ilmenti tiegħu fuq l-allegazzjoni li l-Pulizija naqset milli tagħtih disclosure tal-materjal u l-provi kollha skond kif provdut fl-Artikoli 356(2) u 534AF tal-Kodiċi Kriminali, u d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2012/13/UE. Huwa jallega wkoll illi l-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali ma jipprovdix rimedju ta' natura straordinarja;*

b. *Illi l-esponenti qegħdin tramite din ir-risposta jirrispinġu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom stante li dawn huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

c. *Illi preliminarjament, ir-rikorrent qiegħed* ***juża l-allegazzjoni li diġa' seħħ ksur*** *għal smigħ xieraq biex isawwar l-azzjoni kostituzzjonali odjerna. L-esponenti jeċepixxu illi b'mod kostanti* ***fil-ġurisprudenza*** *(kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem)* ***ġie stabbilit li*** *sabiex tinstab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni* ***huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita' tiegħu****. Bħala regola, sabiex ikun jista' jiġi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jseħħu iżda jrid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja. Għalhekk,* ***bir-rispett kollu r-rikorrenti ma jistax issa kredibilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xierqa diġa' ġie miksur u dan propju għaliex il-proċeduri fil-konfront tiegħu fadlilhom biex jiġu definitivament magħluqa****. Ir-rikorrent qiegħed iqajjem dan l-ilment fi żmien meta l-proċeduri kriminali ssuperaw l-istadju tal-kumpilazzjoni, u qegħdin fil-fażi ta' smigħ tal-eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali. Jista' jsir appell mill-partijiet mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali dwar l-akkoljiment o meno tal-eċċezzjonijiet. Il-proċess għad irid jikkulmina fil-ġuri. Jista' jagħti l-każ ukoll li jkun hemm appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali wara li jsir il-ġuri. Li huwa ċert hu illi l-proċess kriminali jingħalaq biss meta jkun hemm res judicata. S'issa għadu mhux magħruf jekk, kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent se jkun żvantaġġjat waqt is-smigħ tal-proċeduri. Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament dan l-ilment, u dan a tenur ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

d. *Illi fil-mertu jibda biex jingħad li l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ċitat mir-rikorrent jipprovdi li 'kull meta xi ħadd ikun akkużat*

*b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi'. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jmur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

e. *Illi f'dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) il-proċeduri kollha qed jinżammu u qegħdin jiġu determinati minn qorti ndipendenti u mparzjali; (b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu qiegħed isir fil-preżenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet qegħdin jiġu trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunita' kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) ir-rikorrent huwa megħjun mill-avukati tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;*

f. *Illi għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-***artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** *u tal-***artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea***, l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrent ma ġarrabx preġudizzju fil-proċeduri tiegħu. Huwa ma jistax kredibilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż minħabba li allegatament il-Pulizija ma tagħtux disclosure tal-materjal u l-provi kollha li ġabret. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, r-rikorrent igawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza, l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha kontrih lil hinn minn kull dubbju reġonevoli fi stadju ta' ġuri u r-rikorrent għandu kull opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu kif iħoss li huwa xieraq;*

g. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-esponenti ċertament ma kienx u ma huwiex abbużiv jew jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-esponenti aġixxew korrettament skond il-Liġi u fil-parametri mposti mil-Liġi u bl-ebda mod ma ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrent;*

h. *Illi dan qed jingħad fid-dawl illi l-kumpilazzjoni ma kienet tikkonsisti f'xejn ħlief il-produzzjoni mill-prosekuzzjoni tal-materjal u x-xhieda bħala prova favur u kontra l-imputat, u l-ġbir ta' provi mill-Qorti fil-konfront tar-rikorrent.* ***Il-Pulizija Eżekuttiva f'dak l-istadju pproduċiet il-provi kollha materjali u rilevanti għall-akkużat****. Meta nħarġet l-Att ta' l-Akkuża 17/2021, il-kumpilazzjoni ngħalqet. Isegwi għalhekk li l-prosekuzzjoni diġa' wriet lir-rikorrent x'inhuma l-provi fil-pussess tagħha kontrih u favorih biex b'hekk huwa issa jaf kif għandu jiddefendi ruħu. Matul il-ġuri sejrin jiġu prodotti l-istess xhieda u l-istess provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u l-akkużat huwa liberu sabiex jagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni u jikkontesta l-provi materjali. Fi kwalunkwe każ,* ***il-provi materjali u rilevanti għar-rikorrent inġiebu matul il-kumpilazzjoni u għaldaqstant ma hemm ebda kwistjoni ta' disclosure ulterjuri x'tiġi mistħarrġa****;*

i. *Illi r-rikorrent jilmenta li ripetutament matul il-proċeduri kriminali li qed jaffaċċja talab għal, u ma ngħatax, disclosure tal-materjal u provi kollha miġbura mill-Pulizija. Jingħad li meta wieħed jitlob għal disclosure, dan ma jfissirx li għandu jedd għal kull ħaġa li hija potenzjalment fil-pussess tal-Pulizija.* ***Disclosure tingħata biss fir-rigward ta' provi materjali u rilevanti għall-persuna li tkun qed titlobha****. Dan jingħad in vista tal-fatt li fil-premessi tiegħu, ir-rikorrent jirreferi għal disclosure b'mod tant ġeneriku li wieħed jasal għall-konklużjoni li dawn it-talbiet, u saħansitra dawn il-proċeduri, ma huma xejn ħlief fishing expedition min-naħa tar-rikorrent;*

j. *Illi dan partikolarment qiegħed jingħad fil-kuntest li **l-inkejsta maġisterjali marbuta mal-każ odjern għadha miftuħa. L-investigazzjoni għadha għaddejja u m'għandhiex tkun ippreġudikata bil-fishing expedition tar-rikorrent biex jinkixef materjal li lanqas biss hwua materjali u rilevanti għalih iżda li jista' jfixkel il-kors tal-investigazzjoni fil-konfront ta' terzi**;*

k. *Illi l-kwistjoni ta' disclosure ma xxejjinx id-dritt tad-difiża li ttella' l-provi tagħha, li tagħmel kontro-eżamijiet u tikkontesta l-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni. Huwa proprju f'dan il-kuntest li **l-esponenti jiċħdu l-allegazzjoni bla bażi tar-rikorrent li huwa qiegħed isofri "actual prejudice" sal-estrem li ma jistax jipprepara d-difiża tiegħu. Sa mill-bidunett, saħansitra qabel ma ġie mixli, ir-rikorrent kien ampjament assistit mill-avukati tal-għażla tiegħu, rigorożament ipparteċipa matul il-kumpilazzjoni u ressaq numru ta' eċċezzjonijiet wara li nħarġet l-Att ta' Akkuża fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant bl-ebda mod ma jista' jgħid li mhux kapaċi jiddefendi l-kawża istitwita kontrih**;*

l. *Illi t-tieni punt li qajjem ir-rikorrent huwa dwar il-proċedura ta' disclosure per se. Huwa jilmenta – bir-rispett kollu b'mod imċajpar – li l-**Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali** "ma jagħti ebda setgħa lill-bniedem biex jikkontesta r-rifjut tal-Awtoritajiet Kompetenti li jipprovdu disclosure tal-informazzjoni f'konformita' mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE u l-Artikolu 356(2) u 534AF stess tal-Kodiċi Kriminali." In sostenn ta' dan l-argument, ir-rikorrent jagħmel riferenza għall-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea in kwistjoni;*

m. *Illi bid-dovut rispett, ir-rikorrent mhux biss huwa skorrett fl-interpretazzjoni tiegħu tal-iskop tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/13/UE iżda **qiegħed jinjora għal kollox dak li jipprovdi l-Artikolu 7 tad-Direttiva, li preċiżament jindirizza l-kwistjoni ta' disclosure;***

n. *Illi limitatament dwar l-**Artikolu 8 tad-Direttiva** ċitat mir-rikorrent, ma jistax jiġi skartat jew injorat il-fatt li **l-ewwel subinċiż** ta' l-artikolu*

*jitkellem fuq **informazzjoni relatata mal-Artikoli 3 sa 6**, u cioe illi tikkonċerna: (i) id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet, (ii) l-ittri tad-drittijiet mal-arrest; (iii) l-ittra tad-drittijiet fil-Mandat ta' Arrest Ewropew u, finalment, (iv) id-dritt għal informazzjoni dwar l-akkuża. **Isegwi għalhekk li s-subinċiż (2) tal-Artikolu 8, li wkoll jirreferi għal "informazzjoni", <u>jirrigwarda rimedji għal nuqqasijiet limitatament b'rabta mal-obbligi naxxenti fuq l-Istati Membri taħt l-Artikoli 3 sa 6 tad-Direttiva 2012/13/UE.</u>** Tajjeb jingħad ukoll li l-istess Artikoli 3 sa 6 ma jispeċifikaw xejn dwar rimedji applikabbli, iżda dan huwa kkunsidrat fl-Artikolu 8 illi jkopri r-rimedji applikabbli fil-konfront ta' nuqqas jew ċaħda tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-artikoli 3 sa 6 tad-Direttiva;*

o. *Illi f'dan il-kuntest għandu jiġi kkunsidrat ukoll dak li jipprovdi l-Artikolu 7 tad-Direttiva msemmija, li speċifikatament jindirizza d-dritt sostantiv tal-**aċċess għall-materjal tal-każ** u kif ukoll jipprovdi għal rimedji disponibbli għal nuqqas jew ċaħda ta' dan id-dritt partikolari. B'hekk, is-subinċiż (4) tal-Artikolu 7 – b'kuntrast għall-Artikoli 3 sa 6 – jgħid b'mod espliċitu:*

*"... L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformita' mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, **deċiżjoni li tiċħad l-aċċess għal ċertu materjal taħt dan il-paragrafu tittieħed minn awtorita' ġudizzjarja jew tkun tal-inqas soġġetta għal reviżjoni ġudizzjarja**."*

p. *Illi din id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea ġiet trasposta fil-Liġi Maltija permezz tal-Att IV tal-2014. B'hekk, fis-subinċiż (4) tal-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali jinstab ir-rimedju msemmi fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/13/UE – illi fis-sustanza huwa proprju r-rimedju li r-rikorrent qiegħed jallega li ma jeżistix! F'dan is-subinċiż, huwa spjegat kif:*

*"... **wara li tinstema' l-prosekuzzjoni, qorti jew maġistrat jistgħu jirrifjutaw aċċess għal ċertu materjal, jekk dan l-aċċess ikun ta'***

***theddida serja għal ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew dak ir-rifjut huwa neċessarju sabiex jissalvagwardja l-interess pubbliku importanti jew fejn jista' jippreġudika l-investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sigurta' nazzjonali."***

q. *Illi fi ftit kliem, il-Liġi ndirizzat dak li r-rikorrent qed jilmenta minnu.* ***Jekk persuna tħoss li ma ngħatatx disclosure ta' materjal fil-pussess tal-Pulizija, dik il-persuna tkun tista' tirrikorri quddiem qorti jew maġistrat. Dik il-qorti jew maġistrat għandha l-obbligu li tisma' l-prosekuzzjoni u minn hemm tiddeċiedi jekk aċċess għal materjal għandux jiġi rifjutat.*** *Il-kliem użati fil-liġi huma wiesgħa preċiżament sabiex persuna tkun tista' tagħmel it-talba tagħha f'ċirkostanzi differenti;*

r. *Illi għalhekk l-ilment tar-rikorrent li ma jistax jikkontesta rifjut tad-disclosure huwa għal kollox infondat;*

s. *Illi fid-dawl ta' dan kollu u tal-pre-ċitati Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti isostnu li r-rikorrent ma sofra minn ebda ksur tad-drittijeit fundamentali, u li l-ordinament ġuridiku penali Malti ma huwiex leżiv għad-drittijiet fundamentali;*

t. *Illi ladarba ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali, isegwi għalhekk li t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier taħghom minn din l-Onorabbli Qorti;*

u. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Yorgen Fenech datat għoxrin (20) ta' Diċembru 2021;

7. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija, datata tlettax (13) ta' Jannar 2022;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Charmaine Bugeja** fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2022[1], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok CB1 sa CB4** (a fol 27 *et seq* tal-proċess);

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Emerenziana Agius** fil-kwalita' tagħha ta' **Reġistratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2022[2], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok CM1 sa CM4** (a fol 51 *et seq* tal-proċess);

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa',** prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2022[3];

11. Rat in-nota tar-rikorrent datata 28 ta' Frar 2022 illi permezz tagħha ġew esebiti sensiela ta' *e-mail threads* immarkati kumplessivament bħala **Dok CM5** (a fol 93 *et seq* tal-proċess);

12. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-**Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa'**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2022[4];

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Bugeja** fil-kwalita' tiegħu ta' **Kap tas-Servizz tas-Sigurta'**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2022[5];

---

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 47 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 22 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 76 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 110 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 140 *et seq* tal-proċess

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tas-**Supretendent Keith Arnaud**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2022[6];

15. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tas-**Supretendent Keith Arnaud**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2022[7];

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stefania Calafato Testa** fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2022[8], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok SCT1 sa SCT8** (a fol 248 *et seq* tal-proċess);

17. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Stefania Calafato Testa** fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022[9], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok SCT9** a fol 509 *et seq* tal-proċess;

18. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tas-**Supretendent Keith Arnaud**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022[10], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok KA1 u Dok KA2** a fol 552 *et seq* tal-proċess;

19. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Stefania Calafato Testa** fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022[11], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok SCT9 sa SCT11** a fol 587 *et seq* tal-proċess;

20. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Charmaine Bugeja** fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali**, prodotta mir-

[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 157 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 196 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 247a *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 507 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 512 *et seq* tal-proċess
[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 584 *et seq* tal-proċess

rikorrent waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022[12], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok CB1** (a fol 704 *et seq* tal-proċess);

21. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Rita Falzon**, fil-kwalita' tagħha ta' **Deputat Reġistratur**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2022[13];

22. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Stefania Calafato Testa** fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2022[14], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok SCT12 u SCT13** a fol 741 *et seq* tal-proċess;

23. Rat il-provvediment tagħha stess, datat 28 t'Ottubru 2022, illi permezz tiegħu ċaħdet it-talba rikorrenti kif magħmula permezz ta' rikors tal-21 ta' Ġunju 2022 (a fol 771 *et seq* tal-proċess);

24. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Stefania Calafato Testa** fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tat-28 t'Ottubru 2022[15], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok AD1 sa AD3**;

25. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Frank Mercieca**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-28 t'Ottubru 2022[16];

26. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Frank Mercieca**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2022[17];

27. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Ispettur Kurt Ryan Farrugia**, in rappreżentanza tal-**Europol National Unit**, prodott mir-rikorrent waqt is-

[12] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 702 *et seq* tal-proċess
[13] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 732 *et seq* tal-proċess
[14] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 738 *et seq* tal-proċess
[15] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 788 *et seq* tal-proċess
[16] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 791 *et seq* tal-proċess
[17] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 802 *et seq* tal-proċess

seduta tat-22 ta' Novembru 2022[18], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok KF1** a fol 807 tal-proċess;

28. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-**Ispettur Kurt Ryn Farrugia**, in rappreżentanza tal-**Europol National Unit**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar 2023[19], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok KRF1** a fol 818 tal-proċess;

29. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrent u mmarkati **Dok CM1 u CM2** a fol 820 u 821 rispettivament;

30. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Marinus-Martin Van Der Meij** permezz ta' *video-link*, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar 2023[20];

31. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Stefania Calafato Testa** fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2023[21], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok SCT12** a fol 851-852 tal-proċess;

32. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-**Ispettur Kurt Farrugia** in rappreżentanza tal-**Europol National Unit**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2023[22];

33. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-**Ispettur Kurt Farrugia** in rappreżentanza tal-**Europol National Unit**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 2023[23], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok AD1** a fol 912 *et seq* tal-proċess;

34. Semgħet ix-xhieda tal-**Imħallef Emeritus Michael Mallia**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2023[24];

[18] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 805 *et seq* tal-proċess
[19] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 814 *et seq* tal-proċess
[20] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 822 *et seq* tal-proċess
[21] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 849 *et seq* tal-proċess
[22] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 853 *et seq* tal-proċess
[23] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 874 *et seq* tal-proċess
[24] IT-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 928 *et seq* tal-proċess

35. Semgħet ix-xhieda ta' **Konstantinos Petrou**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2023[25];

36. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-**Ispettur Kurt Farrugia** prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2023[26];

37. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrent u mmarkati **Dok CM1 u CM2** a fol 947 u 948 rispettivament;

38. Rat id-digriet tagħha stess datat 5 t'April 2023 (a fol 949 *et seq* tal-proċess) illi permezz tiegħu ċaħdet it-talba tar-rikorrent magħmula waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2023 sabiex l-Imħallef Emeritus Michael Mallia jiġi ordnat jippreżenta testimonjanza illi ngħatat bil-magħluq quddiem il-Bord tal-Inkjesta;

39. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tas-**Supretendent Keith Arnaud** prodott mill-intimati in kontro-eżami waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2023[27];

40. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Ispettur Kurt Zahra** prodott mill-intimati in kontro-eżami waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2023[28];

41. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata 15 ta' Settembru 2023, a fol 988 *et seq* tal-proċess;

42. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija datata 17 ta' Novembru 2023 a fol 1017 *et seq* tal-proċess;

43. Rat id-digriet tagħha stess mogħti waqt is-seduta tat-18 ta' Diċembru 2023 illi permezz tiegħu laqgħet it-talba tar-rikorrent magħmula permezz ta' rikors datat 23 ta' Novembru 2023 sabiex jiġi mħarrek ir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali sabiex jippreżenta numru ta' dokumenti indikati fl-istess rikors;

[25] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 933 *et seq* tal-proċess
[26] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 944 *et seq* tal-proċess
[27] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 957 *et seq* tal-proċess
[28] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 971 *et seq* tal-proċess

44. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta’ **Stefania Calafato Testa** fil-kwalita’ tagħha ta’ **Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**, prodotta mill-intimati waqt is-seduta tas-16 ta’ Frar 2024[29], u rat l-atti kontenuti fil-*pendrive* minnha esebita u mmarkata **Dok SCT13** a fol 1058 tal-proċess;

45. Rat in-nota ppreżentata mir-rikorrent illi permezz tagħha esebixxa numru ta’ verbali mill-kumpilazzjoni fl-ismijiet ***Repubblika ta’ Malta vs Yorgen Fenech*** (a fol 1064 *et s eq* tal-proċess);

46. Rat in-nota ppreżentata mir-rikorrent illi permezz tagħha esebixxa kopja ta’ digriet tal-Qorti Kriminali mogħti fit-3 ta’ Mejju 2024 (a fol 1076 *et seq* tal-proċess);

47. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri tar-rikorrent datata 17 ta’ Ġunju 2024 (a fol 1089 *et seq* tal-proċess);

48. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri tal-intimati datata 11 ta’ Lulju 2024 (a fol 1103A *et seq* tal-proċess);

49. Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-partijiet waqt is-seduta tat-12 ta’ Lulju 2024;

50. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

51. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

52. Bil-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jallega illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap

[29] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 1054 *et seq* tal-proċess

319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante illi allegatament ma ngħatax *disclosure* ta' tliet forom t'evidenza, cioe:

a. Recordings bejn Melvin Theuma u Edwin Brincat użati mill-Prosekuzzjoni waqt l-istqarrija ta' Brincat;

b. Dikjarazzjonijiet u stqarrijiet ta' terzi xhieda investigati b'rabta mal-proċeduri kontra r-rikorrent;

c. Mobile Data ta' terzi xhieda investigati b'rabta mal-proċeduri kontra r-rikorrent;

d. Estrazzjoni tal-*mobile phone* ta' Daphne Caruana Galizia u l-*electronic devices* ta' Keith Schembri;

**A. <u>Id-Dritt għal Smigħ Xieraq: Punti Ġenerali</u>**

53. L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *39.(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
>
> *[...]*
>
> *(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*
>
> *Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta'*

*dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*

*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*

*[...]*

*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

54. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) jistabbilixxi illi:

*1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*[…]*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*[…]*

55. Jiġi osservat illi l-kwestjoni ta' *disclosure* o meno t'evidenza fi proċeduri kriminali hija konsegwenza tal-prinċipji ta' parita' t'armi u ta' proċeduri avversarji, illi huma elementi sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq. Jgħidu **Harris, O'Boyle u Warbrick** fil-ktieb tagħhom ***Law of the European Convention on Human Rights*** dwar parita' t'armi:

> *This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings, 'requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent'. In general terms, the principle incorporates the idea of a 'fair balance' between the parties. When deciding whether it has been complied with, 'appearances' are relevant, as is the seriousness of what is at stake for the applicant. In criminal cases, the principle of equality of arms in Article 6(1) overlaps with the specific guarantees in Article 6(3). It has, however, a wider scope than these guarantees, applying to all aspects of the proceedings. Non-compliance with the principle does not depend upon proof of unfairness on the facts: the procedural deficiency in itself is a breach of the right to a fair trial.*[30]

Ikomplu jispjegaw l-istess awturi dwar proċeduri avversarji:

[30] Harris D., O'Boyle M u Warbrick C, *Law of the European Convention on Human Rights* (2009, OUP, 2nd Edn) p 251

*The right to an adversarial trial 'means in principle the opportunity for the parties to a civil or criminal trial to have knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed with a view to influencing the Court's decision'. […] In criminal cases, the right also requires that the 'prosecution authorities should disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused', whether or not they use it in the proceedings. In criminal cases, the right to an adversarial trial overlaps with the specific guarantees in Article 6(3), particularly those in Article 6(3)(b) and (d) to adequate facilities and to call and cross-examine witnesses respectively. Generally, the approach of the Court is to decide the case under Article 6(1), after considering whether the trial as a whole has been 'fair'. It is not necessary to show actual prejudice: the essence of the right is that the parties should be in a position to decide whether they wish to respond to the material.*

*While the facts of a case may give rise to issues under both the right to an adversarial trial and the right to equality of arms, the two rights differ in that whereas the latter is satisfied if the parties are treated equally, the former requires access to all relevant material, whether the other party has access to it or not.*[31]

56. Għaldaqstant, dak illi għandu dritt għalih ir-rikorrent sabiex ma jkunx hemm leżjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, huma żewġ elementi:

a. Li jingħata aċċess għall-materjal illi jkollha f'idha l-Prosekuzzjoni, irrispettivament minn jekk tali materjal jistax jimmilita favur ir-rikorrent akkużat o meno; u

[31] Ibid., p 254

b. Li jingħata l-possibilta', bħalma tingħata wkoll il-Prosekuzzjoni, illi jagħmel sottomissjonijiet tiegħu u/jew b'xi mod ieħor jagħmel reazzjoni dwar l-osservazzjonijiet u l-evidenza illi fuqhom il-Qorti tkun ser tibbaża d-deċiżjoni tagħha.

Dan hekk kif ġie rikonoxxut ukoll f'***Rowe and Davis v. The United Kingdom***[32]:

> *60. It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party (see the Brandstetter v. Austria judgment of 28 August 1991, Series A no. 211, pp. 27-28, §§ 66-67). In addition Article 6 § 1 requires, as indeed does English law (see paragraph 34 above), that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (see the Edwards judgment cited above, p. 35, § 36).*

## B. <u>Intempestivita' tal-Proċeduri Odjerni</u>

57. B'mod preliminari, l-intimati jsostnu illi sabiex wieħed jallega ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, huwa meħtieġ illi jiġi eżaminat il-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu, fatt illi mhux possibbli f'dan l-istadju stante illi

[32] Appl Nr 28901/95, QEDB, 16 ta' Frar 2000

l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent għadhom ma ġewx magħluqa b'mod definittiv;

58. Ir-rikorrent jilqa' għal din l-eċċezzjoni billi jissottometti illi n-nuqqas ta' *disclosure* tpoġġi lir-rikorrent f'diffikolta', stante illi ma jkunx f'posizzjoni illi jħejji difiża xierqa, b'mod partikolari meta l-evidenza illi ma tpoġġietx a disposizzjoni tar-rikorrent hija meħtieġa għad-difiża tiegħu fil-ġuri;

59. Jibda biex jingħad illi huwa paċifiku illi allegazzjonijiet ta' leżjoni tad-dritt ta' smigħ xeraq m'għandhomx jiġu kkunsidrati *in vacuo*, iżda fil-kuntest tal-proċeduri fl-assjem tagħhom. Ingħad infatti mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Emmanuele Spagnol vs L-Avukat Ġenerali et***[33]:

> *28. Kif ġie kkonsidrat aktar 'il fuq, ilmenti dwar ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest tal-proċeduri relattivi fl-intier tagħhom, u ċjoè għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-"overall fairness of the proceedings."*

60. Hekk ukoll, il-***Guide on Article 6 of the Convention – Right to a Fair Trial (Criminal Limb)***[34] jistabbilixxi illi:

> *2. In each case, the Court's primary concern is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident.*

---

[33] Rik Nru 16/2018/1, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023

[34] QEDB <https://ks.echr.coe.int/documents/d/echr-ks/guide_art_6_criminal_eng> Verżjoni tal-31 t'Awwissu 2024

Din ir-regola ġenerali, iżda, hija kwalifikata:

> *However, it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (ibid., § 250). Thus, for instance, in the context of its assessment of the pretrial judge proceedings confirming the indictment, the Court has stressed that it must have regard to the proceedings as a whole, assessing the handling of the case by the pre-trial judge in light of the subsequent trial, when determining whether the rights of the applicant were prejudiced. As part of that determination, it needs to be assessed whether any measures taken during the proceedings before the pre-trial judge weakened the applicant's position to such an extent that all subsequent stages of the proceedings were unfair (Alexandru-Radu Luca v. Romania, § 63).*

61. Il-każ odjern si tratta evidenza illi r-rikorrent jallega illi ma ngħatax aċċess għaliha fil-kumpilazzjoni, b'dana illi jsostni illi hemm possibilta' jiġi preġudikat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq meta eventwalment jiġi ċelebrat il-ġuri fil-konfront tiegħu;

62. Il-***Guide on Article 6 of the Convention – Right to a Fair Trial (Criminal Limb)***[35] jispjega:

> *188. As a rule, Article 6 § 1 requires that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], 2000, § 60). In this context, the relevant considerations can also be drawn from Article 6 § 3 (b), which guarantees to the applicant*

[35] QEDB < https://ks.echr.coe.int/documents/d/echr-ks/guide_art_6_criminal_eng> Verżjoni tal-31 t'Awwissu 2024

*"adequate time and facilities for the preparation of his defence" (Leas v. Estonia, 2012, § 80).*

*189. An issue with regard to access to evidence may arise under Article 6 insofar as the evidence at issue is relevant for the applicant's case, specifically if it had an important bearing on the charges held against the applicant. This is the case if the evidence was used and relied upon for the determination of the applicant's guilt or it contained such particulars which could have enabled the applicant to exonerate oneself or have the sentence reduced. The relevant evidence in this context is not only evidence directly relevant to the facts of the case, but also other evidence that might relate to the admissibility, reliability and completeness of the former (Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], 2000, § 66; Mirilashvili v. Russia, 2008, § 200; Leas v. Estonia, 2012, § 81; Matanović v. Croatia, 2017, § 161).*

*190. The accused may, however, be expected to give specific reasons for his or her request for access to evidence, and the domestic courts are entitled to examine the validity of these reasons (C.G.P. v. the Netherlands, Commission decision of 15 January 1997; Janatuinen v. Finland, 2009, § 45; Leas v. Estonia, 2012, § 81; Matanović v. Croatia, 2017 § 157). In any case, in systems where the prosecuting authorities are obliged by law to take into consideration both the facts for and against the suspect, a procedure whereby the prosecuting authorities themselves attempt to assess what may or may not be relevant to the case, without any further procedural safeguards for the rights of the defence, cannot comply with the requirements of Article*

*6 § 1 (Natunen v. Finland, 2009, §§ 47-49; Matanović v. Croatia, 2017, §§ 158, 181-182).*

*191. However, the entitlement to disclosure of relevant evidence is not an absolute right. In criminal proceedings there may be competing interests, such as national security or the need to protect witnesses who are at risk of reprisals or to keep secret the methods used by the police to investigate crime, which must be weighed against the rights of the accused. In some cases it may be necessary to withhold certain evidence from the defence so as to preserve the fundamental rights of another individual or to safeguard an important public interest. However, only such measures restricting the rights of the defence which are strictly necessary are permissible under Article 6 § 1 (Van Mechelen and Others v. the Netherlands, 1997, § 58; Paci v. Belgium, 2018, § 85). Moreover, in order to ensure that the accused receives a fair trial, any difficulties caused to the defence by a limitation on its rights must be sufficiently counterbalanced by the procedures followed by the judicial authorities (Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], 2000, § 61; Doorson v. the Netherlands, 1996, § 72).*

*192. In many cases where the evidence in question has never been revealed, it would not be possible for the Court to attempt to weigh the relevant interest involved against that of the accused without having sight of the material. It must therefore scrutinise the decision-making procedure to ensure that, as far as possible, it complied with the requirements to provide adversarial proceedings and equality of arms and incorporated adequate safeguards to protect the interests of the accused,*

*including a proper opportunity to prepare one's defence, as required by Article 6 (Dowsett v. the United Kingdom, 2003, §§ 42-43; Yüksel Yalçınkaya v. Türkiye [GC], 2023, § 330; Leas v. Estonia, 2012, § 78). In that connection, the domestic courts' failure to indicate the reasons as to why, and upon whose decision evidence was undisclosed, may deprive the defence of the opportunity to present any counter-arguments, such as to contest the validity of those reasons or to dispute that all efforts had been made to strike a fair balance between the competing interests at play and to ensure the rights of the defence (Yüksel Yalçınkaya v. Türkiye [GC], 2023, § 331).*

63. B'mod simili, huwa rilevat fil-fuljett ***Protecting the Right to a Fari Trial under the European Convention on Human Rights – A Handbook for Legal Practitioners***[36]:

*The "adversarial" requirement within the meaning of Article 6 thus usually entails an analysis of the quality of the domestic procedure – such as the possibility for the defence to put arguments against non-disclosure before the courts at both first and appeal instances (Rowe and Davis) and the domestic courts' obligation to carry out a balancing exercise – but not an examination of the appropriateness of the domestic courts' decision on non-disclosure, since the Court itself is not in a position to decide on strict necessity without having sight of the secret material in question (Fitt).*

*At the same time, the strict necessity test of non-disclosure – coupled with the established restrictions on*

[36] Vitkauskas D u Dikov G, *Protecting the Right to a Fair Trial under the European Convention on Human Rights – A Handbook for Legal Practitioners* (2017, Council of Europe, 2nd Edn) pp 62-63

*the use of other forms of secret evidence, such as anonymous witnesses (Doorson v. the Netherlands, §§66-83) – suggests that any non-disclosure will only be compatible with the "adversarial" requirement so long as that piece of evidence is not used to a decisive extent to found (form a basis for) the conviction (Pesukic v. Switzerland) or is not a crucial piece of evidence in the case (Georgios Papageorgiou v. Greece, §§35-40).*

64. Applikati dawn il-prinċipji fil-prattika, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet, ***Fitt v. The United Kingdom***[37]:

*44. It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party (see the Brandstetter v. Austria judgment of 28 August 1991, Series A no. 211, pp. 27-28, §§ 66-67). In addition Article 6 § 1 requires, as indeed does English law (see paragraph 18 above), that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (see the Edwards judgment cited above, p. 35, § 36).*

*45. However, as the applicant recognised (see paragraph 38 above), the entitlement to disclosure of relevant evidence is not an absolute right. In any criminal*

[37] Appl Nr 29777/96, QEDB, 16 ta' Frar 2000

*proceedings there may be competing interests, such as national security or the need to protect witnesses at risk of reprisals or keep secret police methods of investigation of crime, which must be weighed against the rights of the accused (see, for example, the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-II, p. 470, § 70). In some cases it may be necessary to withhold certain evidence from the defence so as to preserve the fundamental rights of another individual or to safeguard an important public interest. However, only such measures restricting the rights of the defence which are strictly necessary are permissible under Article 6 § 1 (see the Van Mechelen and Others v. the Netherlands judgment of 23 April 1997, Reports 1997-III, p. 712, § 58). Moreover, in order to ensure that the accused receives a fair trial, any difficulties caused to the defence by a limitation on its rights must be sufficiently counterbalanced by the procedures followed by the judicial authorities (see the Doorson judgment cited above, p. 471, § 72, and the Van Mechelen and Others judgment cited above, p. 712, § 54).*

65. Jirriżulta għalhekk lil din il-Qorti illi d-dritt tar-rikorrent għal *disclosure* huwa dritt kwalifikat; madanakollu, il-Qorti għandu jkollha l-aħħar kelma, b'dana illi għandu jkun hemm fil-liġi proċedura illi permezz tagħha l-Qorti tiddeċiedi jekk, fl-aħħar mill-aħħar, il-Prosekuzzjoni għandhiex raġuni valida illi għaliha tħoss illi m'għandhiex tagħti aċċess lill-akkużat għal ċertu dokumenti, materjal u/jew evidenza, jew le. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Macklin v. Her Majesty's Advocate*** mill-Qorti Suprema tar-Renju Unit fis-16 ta' Diċembru 2015, illi saret ukoll referenza għaliha

mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Elton Gregory Dsane v. State Advocate***[38]:

> *As the European Court of Human Rights explained in Edwards v United Kingdom (1992) 15 EHRR 417, the question whether a failure of disclosure has resulted in a breach of article 6(1) has to be considered in the light of the proceedings as a whole, including the decisions of appellate courts. This means that the question has to be approached in two stages.* ***First, it is necessary to decide whether the prosecution authorities failed to disclose to the defence all material evidence for or against the accused****, in circumstances in which a failure to do so would result in a violation of article 6(1). If so,* ***the question which then arises is whether the defect in the trial proceedings was remedied by the subsequent procedure before the appellate court****. That was held to have occurred in Edwards, where the Court of Appeal had considered in detail the impact of the new information on the conviction. The European court observed that it was not within its province to substitute its own assessment of the facts for that of the domestic courts, and, as a general rule, that it was for those courts to assess the evidence before them. Those observations were repeated in Mansell v United Kingdom (2003) 36 EHRR CD 221, where the non-disclosure of material evidence in the trial proceedings was again held to have been remedied by the Court of Appeal's examination of the impact of the nondisclosure upon the safety of the conviction.*

[38] Appl Nr 86/20 TA, Qorti Kostituzzjonali, 24 t'Awwissu 2020

66. Ħarsa lejn il-liġi nostrana turi illi *disclosure* t'evidenza hija regolata mill-Kodiċi Kriminali. L-Artikolu 356 tal-Kap 9 jgħid:

> *356.(1) Huwa dmir tal-Pulizija Eżekuttiva li ġġib quddiem il-qorti mill-aktar fis li tista', u, meta jista' jkun, flimkien mal-imputat, il-provi kollha li tkun ġabret fuq ir-reat.*
>
> *(2) Ikun id-dmir tal-uffiċjali tal-pulizija prosekuturi li jiżvelaw lid-difiża dawk il-provi li jistgħu jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata u li l-Pulizija, għal liema raġuni tkun, jista' ma jkollhomx il-ħsieb li jġibu quddiem il-qorti bħala provi tal-prosekuzzjoni. Dmir tal-Pulizija li tibqa' tiġbor il-provi u ġġibhom quddiem il-qorti.*
>
> *(3) Il-Pulizija Eżekuttiva għandha, ukoll wara li l-imputat jiġi mressaq quddiem il-qorti, tibqa' tiġbor u tagħti lill-Qorti tal-Maġistrati jew, wara li l-imputat jinbagħat biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża, lill-Avukat Ġenerali, kull informazzjoni oħra li jista' jkollha dwar ir-reat.*

In oltre, l-Artikolu 534AF tal-Kap 9 jgħid:

> *534AF. (1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.*
>
> *(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew*

*lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.*

*(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) u sakemm dan ma jippreġudikax id-dritt ta' proċess kriminali ġust, wara li tinstema' l-prosekuzzjoni, qorti jew maġistrat jistgħu jirrifjutaw aċċess għal ċertu materjal jekk dan l-aċċess ikun ta' theddida serja għal ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew jekk dan ir-rifjut huwa neċessarju sabiex jissalvagwardja l-interess pubbliku importanti jew fejn jista' jippreġudika l-investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sigurtà nazzjonali.*

67. Applikati dawn id-disposizzjonijiet fil-liġi għall-każ odjern, din il-Qorti rat illi sakemm kienu pendenti l-proċeduri odjerni, kien hemm żvolġiment fil-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent: wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri) tal-4 t'Ottubru 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja reġgħet kompliet tisma' x-xhieda fil-każ fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Fenech Yorgen*** (Każ Nru 720/2019/2). Infatti, hekk kif jikkonċedi saħansitra r-rikorrent stess fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tiegħu fil-każ odjern, tressqu sabiex jixhdu xejn inqas minn ħmistax-il xhud minn Ottubru 2023 'il quddiem, b'dana illi huwa evidenti illi fl-istadju ta' kumpilazzjoni għadhom qed jitressqu l-provi;

68. Filwaqt illi din il-Qorti tifhem illi, meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, il-il-proċeduri penali kienu laħqu l-istadju t'eċċezzjonijiet preliminari, b'dana illi l-Kumpilazzjoni kienet magħluqa, din il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrent jista' issa jallega illi qed jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba *non-disclosure* t'evidenza, meta lanqas għadha ġiet esebita in atti l-evidenza kollha illi sejra tiġi esebita. Hekk, per eżempju, fil-każ tar-*recording* bejn Edgar Brincat u Melvin Theuma, il-Qorti rat illi fid-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fl-Att t'Akkuża 17/2021/1 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech*** nhar is-sitta (6) ta' Marzu 2024[39], ġie dikjarat is-segwenti:

> *Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni dwar ir-rikors tal-akkużat tal-1 ta' Marzu, 2024 fejn intalab li jingħata aċċess għal kopja tar-recordings użati mill-Prosekuzzjoni waqt l-istqarrija ta' Edgar Brincat. Tordna lill-Assistent Kummissarju Keith Arnaud sabiex fi żmien ġimgħa mil-lum jindika lill-Qorti jekk għandux fil-pussess tiegħu dawn ir-recordings u jekk fl-affermattiv li jesebixxi kopja tal-istess u jekk dawn m'humiex fil-pussess tiegħu, jindika jekk huwa jistax jikseb kopja tal-istess.*

Fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrent kellu mill-inqas jistenna illi l-provi fl-istadju ta' kumpilazzjoni jkunu magħluqa qabel jallega leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, stante illi huwa impossibbli għal din il-Qorti illi tagħmel apprezzament tal-allegazzjonijiet tar-rikorrent fi stadju meta l-istampa għadha mhix waħda kompluta;

69. In oltre, hekk kif tajjeb osservaw il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri) fid-deċiżjonijiet rispettivi tagħhom dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, l-evidenza pretiża mir-rikorrent tinkludi wkoll evidenza illi għadha ma tistax tiġi esebita fil-kumpilazzjoni stante illi għadha s-suġġett ta' inkjesti maġisterjali illi għadhom ma ġewx konkjużi. Hekk per eżempju, fir-rigward tal-*mobile phone* ta' Keith Schembri, illi r-rikorrent qed jinsisti illi għandu jkun wieħed mid-*devices* esebiti, il-Qorti tal-Appelli Kriminali

---

[39] Vide verbal a fol 1077 *et seq* tal-proċess

(Superjuri) qalet illi, *"l-akkużat għandu rimedji proċedurali fil-forma ta' talbiet li jista' jagħmel qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri f'każ illi l-inkjesti msemmija jkunu ingħalqu qabel dik id-data kif ġia suġġerit mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha."* Qalet ukoll, *"L-akkuzat ghandu jfittex fil-provvedimenti tal-ligi sabiex isib l-ahjar mod kif jista' iressaq it-talba tieghu qabel ic-ċelebrazzjoni tal-guri u din il-Qorti ma tarax li ghandha tinoltra aktar minn hekk f'dan ir-rigward."* Evidentement, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) mhux talli ma lledietx id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq, iżda talli rat illi tipproteġi d-dritt tiegħu għal *disclosure*, b'dana illi saħansitra dderiġiet lir-rikorrent, u ggwidatu lejn ir-rimedji illi huwa għandu sabiex jitlob l-esebizzjoni ta' materjal, *devices* u provi illi huwa jqis bħala kruċjali għad-difiża tiegħu. Tajjeb jingħad illi l-fatt illi r-rikorrent għadu ma ngħatax aċċess għal evidenza illi tifforma parti minn inkjesta maġisterjali illi għadha miftuħa ma jikkostitwixxix b'mod awtomatiku leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq;

70. Din il-Qorti tqis illi għandhom raġun l-intimati jeċċepixxu illi, kkunsidrati l-istadju illi fihom waslu l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent, il-proċeduri odjerni huma intempestivi. Dan stante illi r-rikorrent għad għandu ċ-ċans u l-possibilta' illi jagħmel talbiet relattivi fil-forum appositu sabiex jitressqu x-xhieda u jiġu esebiti l-materjal u dokumenti illi r-rikorrent huwa tal-fehma illi għandhom jitressqu. Hekk kif seta' jiġi konstatat mill-ġurisprudenza suriferita u l-prinċipji legali enunċjati aktar 'il fuq, saħansitra anke li kieku l-proċeduri penali kienu waslu fi stadju aktar avvanzat, ukoll seta' jitqies illi ilment ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq huwa intempestiv, ikkunsidrati r-rimedji proċedurali illi r-rikorrent għandu għad-disposizzjoni tiegħu. Dan aktar u aktar meta l-istadju ta' kumpilazzjoni reġa' nfetaħ u għadhom qed jitressqu xhieda ġodda, bil-possibilita' u dritt tar-rikorrent illi jitlob *disclosure* t'evidenza illi huwa jqis illi hija imperattiva għad-difiża tiegħu, u li jikkonduċi l-eżamijiet u kontro-eżamijiet relattivi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri;

71. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti, u dan stante illi tali talbiet

huma **<u>intempestivi</u>** fid-dawl tal-fatt illi l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent, minkejja illi ngħatat deċiżjoni finali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, għadhom fi stat ta' kumpilazzjoni ta' provi. Din il-Qorti tieħu l-opportunita' tissolleċita lir-rikorrent sabiex jieħu vantaġġ mir-rimedji illi tipprovdi l-liġi f'dan l-istadju tal-proċeduri penali.

**Decide**

72. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tilqa'</u>** l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati fit-tielet paragrafu tar-risposta tagħhom, u **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti, billi teżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lil din il-Qorti bl-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi r-rikorrent fadallu rimedji xierqa a disposizzjoni tiegħu ai termini tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**